MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 108/2006/1

**Carmelo Farrugia u Josephine Farrugia**

**Vs**

**Mary Cassar**

Il-Bord.

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

“Illi huma is-sidien tal-fond konsistenti f’appartament numru 2 “Carmen Flats” Garden Street, Gzira. Illi dan il-fond huwa mikri lill-intimata u dana versu l-hlas ta’ kera ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar. Illi l-iskadenza li jmiss hija fil-bidu tax-xahar ta’ Jannar 2007.

Illi l-intimata qed izomm il-fond lilha mikri fi stat hazin hafna ta' manutenzjoni u kawza ta' hekk l-istess fond garrab u qed igarrab diversi hsarat estensivi.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu lil dan il-Bord sabiex jittermina l-kirja tal-intimata u jawtorizza lill-esponenti jirriprendu lura l-pussess tal-fond konsistenti f'appartament numru 2 "Carmen Flats" Garden Street, Gzira, billi tigi zgumbrata l-intimata minn l-istess fond f'terminu qasir iffissat minn dan il-Bord..

Bl-ispejjes.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimata debitament notifikata bit-talba tar-rikorrenti bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma rregistrat l-ebda risposta ghar-rikors promutur;

Illi minkejja dan, ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha il-kontenut tar-rikors u kkonfermat di piu' illi l-fond de quo jinsab fi stat aghar minn dak meta kien intavolat ir-rikors, oltre li l-fond huwa mimli klieb u minnu hergin rwejjah u hmieg iehor. Jirrizulta ukoll illi l-Pulizija ghamlet hadid madwar il-post biex in-nies ma jghaddux minn fejn il-fond minhabba li hu kkundannat. L-awrina tal-klieb qed tghaddi mil-art ghas-saqaf t'isfel u dan qed isaddad ix-xibka tas-saqaf .

Illi dawn kienu l-unici fatti migjuba a konjizzjoni tal-Bord, liema fatti ma kienux kontestati mill-intimata;

Ghal dawn il-mottivi, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahhom jirriprendu l-pussess tal-fond numru 2, "Carmen Flats", Garden Street, Gzira wara gimgha (1) mil-lum u jordna lill-intimata tizgombra minn dan il-fond mhux aktar tard minn gimgha (1) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------